# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 205/01**

**Numru 34**

**Forestals (Appliances) Ltd**

**vs**

**John Bugeja**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm452.00) bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-import ta' zewg kambjali migbuda mis-socjeta' attrici fuq il-konvenut u accettati mill-istess konvenut, liema kambjali mmaturaw fl-1 ta' Mejju 1997 u fit-8 ta' Lulju 1998 u li kopja taghhom qeghda annessa mal-avviz u mmarkata bhala Dokument A u B rispettivament.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-fotokopji taz-zewg kambjalijiet involuti markat Dok A u Dok B a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm452.00,0 bl-imghax legali mill-14 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg